



Brussell, 11 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6022/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0018(BUD)**

**FIN 125
PE-L 10**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5719/22 (COM(2022) 81 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali 2022 li jibbaġittja l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 – <i>Adozzjoni</i>

1. Fit-28 ta' Jannar 2022¹, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali 2022 dwar l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027².

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tirrifletti l-impatt speċifiku ta' dan it-trasferiment fuq l-approprijazzjonijiet ta' impenn tal-2022 għad-diversi fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt is-(sub)intestaturi 2a, 3, 4 u 5.

¹ Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha saru disponibbli fil-31 ta' Jannar 2022.

² Dok. 5718/22.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa tal-baġit tal-2022 jammonta għal żieda ta' EUR 12 247,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Ma qed tintalab l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar l-ABE Nru 1/2022 mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perijodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 6/2022 fil-laqgħat tiegħu tal-1 u tal-10 ta' Frar 2022, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2022 kif tinsab fil-punt 3,
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif tinsab fid-dokument 6023/22, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għas-sena finanzjarja 2022, adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2022.

(Formola tal-għeluq).
